# **Fis-skiet tiegħi**

Fejn hi kamarti ħa nintrefa'
Għal ftit waqtiet mitluf fil-mistrieħ?
Nixtieq kieku hemm insib ħini
Li tlift ma' min ħajtu kollha lfiq.

Imma le nixtieq tant nitwaħħad
Mal-imnikket li tilef teżor,
Il-bniedma li tant ħabb ħallietu
Il-ferħ li ħolom bih kif sar morr.

Tagħtih xi tort jekk qata' qalbu
Li mħabba madwaru mhux iħoss?
Arahom għajnejh kif miskin ħmaru
Mintix tinduna jixtieq l-irdoss?

Ħallieh jiġi ħa jserraħ qalbu
Spalla ħuna għandu ħafna bżonn,
Irrid minn qalbi nagħtihielu
Wara kollox dan hu l-aqwa don.

Mhux din l-imħabba li nippriedkaw?
U li turi ruħha fil-ġrajjiet?
Li tagħder lil min qiegħed jogħtor?
U tfarrġu kemm tiflaħ bil-ħlewwiet?

Li jaf jagħti s-Sema minn qalbu?
Li fih isaltan Alla ħanin?
Li hu Missier li jaf ifarraġ?
Jghożżhom, iħarishom mill-ħazin?

Ġesù, għażiż ħija, Mulejja
Ilejla, filwaqt li int miegħi,
Għannaq bil-qawwa tal-imħabba
F'min qed niftakar fis-skiet tiegħi.

Patri Mario Attard OFM Cap
9 ta' Frar 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.